MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta ta' l-24 ta' Novembru, 2008

Numru 5150/2008

PULIZIJA
SPETTUR ANTHONY CASSAR
VS
JAMES DEMANUELE

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat James Demanuele, ta' 34 sena, iben Felix u Rose Demanuele, imwieled tal-Pieta' nhar l-4 t'April, 1974, residenti fl-indirizz numru 7, 'Dar ir-Redentur', Triq George Caruana, Hal Tarxien, detentur tal-karta ta' l-Identita' numru 235374(M).

Illi huwa akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer nhar l-24 t'Ottubru, 2008 u fix-xhur precedenti, naqas milli jhares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) u cioe' mill-Magistrati Dr. Saviour Demicoli LL.D., fid-digriet tieghu ta' nhar il-25 ta' Jannar, 2008 li bih tah il-helsien mill-arrest taht garanzija.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

Illi mix-xhieda ta’ l-Ufficjal Prosekutur jirrizulta illi l-imputat gie mixli quddiem il-Qrati tal-Magistrati fil-31 ta’ Dicembru 2007 u l-imputat inghata l-liberta provizorja fil-25 ta’ Jannar 2008 taht diversi kondizzjonijiet kif jidher minn Dok.AC ezebit in atti, fejn fost il-kondizzjonijiet kien hemm il-kondizzjoni illi l-imputat ma jkellimx jew javvicina, direttament jew indirettament lix-xhieda tal-Prosekuzzjoni; kien projibit li jersaq fejn ir-residenza tal-kwerelanti, Elena Maria Felice, f’Birzebbugia, f’Wied il-Ghajn u fejn il-post tax-xoghol taghha. Illi fil-25 ta’ Ottubru 2008, il-Pulizija tad-Distrett ta’ Haz-Zabbar gew infurmati illi l-imputat kien hedded lil Elena Maria Felice fuq il-mobile taghha.

L-Ufficjal Prosekutur xhed illi ricentement, cioe f’dawn l-ahhar xhur, l-imputat kien allegatament saq ghal fuq il-vettura misjuqa minn Elena Maria Felice, allegatament habat go fiha waqt li f’okkazzjoni ohra allegatament hebb ghal missiera fir-residenza taghhom, aggredieh u kissirlu n-nuccali. **Fuq dawn iz-zewg incidenti hemm proceduri ghaddejjin fil-Qorti tal-Magistrati**. **Kif hemm ukoll proceduri ghaddejin f’okkazzjoni ohra meta l-imputat allegatament mar ghal Elena Maria Felice, fil-post tax-xoghol taghha u li allegatament heddidha fuq it-telephone.**

Fl-istqarrija tieghu, l-imputat cahad l-akkuzi kollha.

Gie ezebit l-okkorrenza Dok.AC4 dwar theddid da parti ta’ l-imputat, fuq il-mobile ta’ Elena Maria Felice, 79975931, fejn heddidha illi:

*“Minn taht idejh ma tohrog hajja zgur,”*

u li kien qed jistenniha ma' bniedem iehor sabiex tohrog mill-post tax-xoghol.

Illi minkejja li gew ezebiti diversi rapporti da parti tal-Prosekuzzjoni, l-Qorti taghraf illi l-imputat gie mixli bi ksur ta' kundizzjonijiet tal-Liberta Provizorja meta qal kliem minaccanti fuq it-telephone lil kwerelanti, Maria Elena Felice fit-24 ta' Ottubru 2008 u fix-xhur ta' qabel u ghaldaqstant il-Qorti ser tiffoka biss fuq din l-akkuza stante' li hemm proceduri appoziti quddiem Qrati tal-Magistrati dwar l-akkuzi aktar fuq indikati.

Elena Maria Felice, fix-xhieda taghha tat l-isfond tar-relazzjoni illi hija kellha ma' l-imputat, li minnha twieldet it-tifla Deianira, li tbati minn 'Severe Autism' u d-dizgwiet u l-inkwiet li qed jinqala' il-ghaliex l-imputat qieghed jezegwixxi d-dritt ta' l-access sorveljat (mid-dirigenti ta' l-Appogg), il-ghaliex it-tifla jinghad li ma tridx tara lil missierha.

Illi Elena Maria Felice xhedet illi l-imputat ghamel karriera jibatilha messaggi ta' theddid serju kif jidher mix-xhieda fit-tul taghha. Illi sahansitra, Elena Maria Felice xhedet illi dan it-theddid huwa ndirizzat b'mod specjali lit-tifla taghha bil-kliem bhal:

*"Bista lil mummy? Ghax mintiex ser taraha aktar."*

Elena Maria Felice ezebit il-mobile u s-'sim cards' tal-mobile phone taghha u dak tat-tifla taghha u kkonfermat it-theddid illi hija rceviet minghand l-imputat fuq il-mobile taghha u dak tat-tifla taghha fid-data msemmija fic-citazzjoni. **Xhedet illi ghal kemm il-'caller' kien 'unknown' hija gharfet il-lehen ta' l-imputat.** Xhedet ukoll illi kien cempel ukoll mit-telephone 21697368. Ikkonfermat illi l-mobile taghha u tat-tifla jgibu in-numri 79602714 minn numru 79011847.

Josephine Felice ikkonfermat ix-xhieda tat-tifla taghha Elena Maria Felice.

Spettur Fabian Fleri kkonferma r-rapport ta' Elena Maria Felice dwar din it-telefonata ta' theddid fuq il-mobile taghha da parti ta' l-imputat u li kien ordna skorta ghal Elena Maria Felice. Huwa xhed ukoll illi sakemm kien qed ikellem lil kwerelanti, t-telephone taghha beda jcempel ripetutament u ghaldaqstant irrisponda t-telephone hu, pero' l-persuna li cempel ma tkellmitx pero' instema' hsejjes:

*"Qisu hekk qieghed go xi bar in the background."*

Is-Surgenta 40 kienet irrispondiet dan it-telephone wkoll u kien irrisponda persuna b'lehen ta' ragel.

Spettur Fabian Fleri xhed illi huwa kien investiga incident iehor li gara fejn l-imputat kien mar fir-residenza ta' Elena Maria Felice u agredixxa lil missierha, liema kaz ghadu sub judice quddiem il-Magistrat Demicoli.

WPS 40 Isabelle Camilleri, ikkonfermat rapport taghha Dok.AC8, dwar theddid fuq Elena Maria Felice minn James Demanuele. WPS Camilleri xhedet illi l-kwerelanta kienet tant imbezza illi l-Ispetturi Fleri u Cassar ordnaw illi l-kwerelanti tigi eskortata minn darha ghall-Ghassa tal-Pulizija. Ikkonfermat illi t-telephone ta' Felice baqa' jcempel kontinwament u li f'hin minnhom irrispondieh l-Ispettur u f'mument iehor irrisponditu hi.

Marisa Gatt, Haddiema Socjali ma' l-Agenzija Appogg, tat l-isfond ta' dak li kien qed jigri fuq is-'supervized access visits' ta' l-imputat ma' bintu. Ikkonfermat illi fl-24 ta' Ottubru 2008, l-Imhallef fil-Qorti tal-Familja kien issospendi dan l-access ghal xaharejn sakemm isir rapport fuq dana kollu minn specjalista'. Marisa Gatt xhedet illi l-imputat qal hafna kliem ta' theddid fil-konfront ta' Elena Maria Felice, fil-prezenza taghha u cioe:

*"Daqqa ta' sikkina tajtha u ohra natiha."*

Marisa Gatt ikkonfermat illi l-imputat kien ghamel zmien il-habs xi ghaxar snin ilu, fuq attentat ta' omicidju ta' Elena Maria Felice, permezz ta' diversi daqqiet ta' sikkina.

PS Raymond Galea, , ikkonferma Dok.AC3, stqarrija ta' l-imputat.

PS 192 Ramon Gulenov ikkonferma l-okkorrenza dwar telefonati minaccianti li sehh fil-25 ta' Ottubru 2008.

L-Espert Martin Bajada, ezebixxa Dok.MB, relazzjoni tieghu. Ikkonferma illi fil-perijodu ta' bejn in-19 ta' Ottubru u l-25 ta' Ottubru n-numru 79011847 ghamel ghoxrin telefonata lil mobile phone 79011399 u disghin telefonata lil mobile phone 79602714. L-Espert Martin Bajada kkonkluda:

*"L-informazzjoni estratta tindika li MSISDN 79011847 jintuza mill-imputat"* u rrefera ghall-sms's riprodotti fir-rapport tieghu a fol. 10

Dan ir-rapport gie mahluf mill-istess Martin Bajada li spjega l-konkluzzjonijiet tieghu fis-seduta ta' l-14 ta' Novembru 2008.

Anthony Bonnici ghal 'Mobile Communications Limited' (Go Mobile) xhed illi l-linja 79011847 hija linja 'pre-paid' u mhux irregistrata.

Ikkonsidrat:

Illi mix-xhieda fuq prodotta din il-Qorti ghandha konvinciment morali u legali illi kien l-imputat li fl-24 ta' Ottubru ghamel kwantita' ta' telefonati minaccanti lil Maria Elena Felice. Il-Qorti tikkonkludi dan mix-xhieda ta' l-istess kwerelanti Felice ta' l-Ispettur Anthony Cassar, b'mod specjali ta' l-Espert Martin Bajada.

Illi mir-relazzjoni ta' dan l-Espert jirrizulta b'mod car il-kwantita' ta' telefonati mit-telephone number 79011847 lit-telephones ta' Maria Felice u tat-tifla taghha u cioe n-numri 79011399 u 79602714 (ara fol.7 u fol.9 ta' Dok.MB).

Illi minkejja dan it-telephone hija ‘pre-paid’ u mhux irregistrata, l-Espert Martin Bajada sab messaggi li gew transkritti minnu stess (ara a fol.10 tar-rapport tieghu, Dok.MB) illi juri b’mod inekwivoku, illi t-telefonati kienu gejjin mill-imputat, il-ghaliex il-‘holder’ tan-numru 79011847 jiddentifika ruhu bhala “l-papa’” u jindirizza kliem lit-tifla tieghu “Deianira”.

Illi l-Qorti tiddezisti milli tiehu konjizzjoni, tar-rapporti illi wasslu ghall proceduri kriminali ulterjuri kontra l-imputat, mhux biss il-ghaliex dan il-meritu qed jigi diga’ diskuss quddiem Qorti ohra, imma wkoll il-ghaliex l-imputat ma huwiex jigi mixli b’dawn l-akkuzi quddiem din il-Qorti.

Illi ghaldaqstant jidher bic-car illi l-imputat fiz-zmien indikat fic-citazzjoni, permezz ta’ telefonati minaccanti lil kwerelanti, Maria Elena Felice, kiser il-kondizzjoni 3 tal-Liberta’ Provizorju moghti lilu fid-digriet Dok.AC moghti mill-Magistrat Dr. Saviour Demicoli LL.D. fil-25 ta’ Jannar 2008. Hija l-fehma ta’ din il-Qorti illi l-manjiera ripetuta illi biha l-imputat ivvjola din il-kondizzjoni, apparti l-kontenut u s-serjeta’ tat-theddida (fl-isfond ta’ attentat ta’ omicidju fuq l-istess Elena Maria Felice mill-imputat) ma timmerita xejn anqas minn piena karcerarja.

Illi ghal dawn il-motivi, l-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza u wara li rat Artikolu 579 u 11 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundannah ghal hames xhur prigunerija illi minnha ghandha titnaqqas iz-zmien illi l-imputat qatta f’arrest prevendiv u tikkundannah ihallas multa ta’ disa’ mija u wiehed u tletin punt hamsa u sebghin euro (931.75 Euro) (ekwivalenti ghal erba’ mitt lira).

In oltre’, il-Qorti tirrevoka d-digriet tal-Magistrat Dr.Saviour Demicoli LL.D. akkordat fil-25 ta’ Jannar 2008 u tordna l-hlas immeddjat tal-garanzija personali f’ammont ta’ hamest elef tmienja erbgha u ghoxrin punt tlieta u erbghin euro (5824.43 Euro) u tordna r-re-arrest ta’ l-imputat.

Finalment, il-Qorti tordna li kopja ta’ din is-sentenza tigi notifikata lil Qorti tal-Magistrati preseduta mill-Magistrat Dr. Saviour Demicoli LL.D.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------